KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.5.2009
KUMM(2009) 230 finali

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar id-diterġenti, fir-rigward tal-bijodegradazzjoni anerobika

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar id-diterġenti, fir-rigward tal-bijodegradazzjoni anerobika

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 dwar id-diterġenti[1] jistipula li:

"sat-8 ta' April 2009, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'attenzjoni partikolari għall-bijodegradibilità tas-surfactants, u għandha tevalwa, tibgħat rapport dwar, u, meta xieraq, tippreżenta proposti leġiżlattivi dwar:

il-bijodegradazzjoni anerobika;

il-bijodegradazzjoni tal-ingredjenti ewlenin, organiċi u mhux surfactant tad-diterġenti".

Dan ir-rapport jikkonċerna l-bijodegradazzjoni anerobika tas-surfactants tad-deterġenti u jiffoka fuq il-LAS (linear alkylbenzene sulphonate) li huwa surfactant li jintuża b'mod komuni (ara t-tabella 1) u li huwa rrappurtat li, f'kundizzjonijiet anerobiċi, mhuwiex faċilment bijodegradabbli. Ir-rapport ikopri l-karatteristiċi ta' LAS miksuba mil-letteratura xjentifika, ir-rapporti tal-evalwazzjoni tar-riskju dwar ir-riskji marbuta mal-użu tal-LAS fid-deterġenti, u reviżjoni tal-metodoloġija tal-ittestjar anerobiku.

Il-kundizzjonijiet anerobiċi jeżistu kemm fin-natura, pereżempju fis-sedimenti tal-ilma tal-wiċċ, kif ukoll fil-ħama tal-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ. Il-bijodegradazzjoni anerobika tas-surfactants fil-ħama u s-sediment tipproduċi l-metanu minflok id-dijossidu tal-karbonju li jirriżulta mill-bijodegradazzjoni f'kundizzjonijiet erobiċi li jinsabu fid-drenaġġ u l-ilma tal-wiċċ.

Billi l-biċċa l-kbira tal-flussi tad-drenaġġ u l-ilmijiet tal-wiċċ huwa erobiċi, is-surfactants li huma kompletament bijodegradabbli f'kundizzjonijiet erobiċi għandhom jiġu degradati malajr, u fil-prinċipju ma għandhomx jidħlu fil-kompartiment fejn ikun hemm kundizzjonijiet anerobiċi. Huwa għalhekk li r-Regolament tad-Deterġenti jistipula l-bijodegradabilità assoluta bħala l-kriterju ewlieni għall-użu tas-surfactants fid-deterġenti. Is-surfactants li ma jissodisfawx il-kriterju tal-bijodegradabilità assoluta jistgħu jintużaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss meta jkun jista' jiġi muri, permezz ta' evalwazzjoni tar-riskju, li dawn l-użi ma fihomx riskju. Deroga bħal din se tingħata fil-ġejjieni dalwaqt[2].

Għalkemm għadhom ma waslux rapporti mill-Istati Membri dwar kwalunkwe problema ambjentali minħabba s-surfactants mindu ġie introdott ir-Regolament tad-Diterġenti, ġie nnutat li xi surfactants jakkumulaw fil-ħama tad-drenaġġ u jibqgħu hemm sakemm il-ħama tintrema, pereżempju bħala fertilizzant fl-agrikoltura, u mbagħad l-esponiment mill-ġdid għall-kundizzjonijiet erobiċi jippermettu li tissokta l-bijodegradazzjoni erobika sakemm titlesta.

Id-destin u l-imġiba ambjentali u t-tossiċità tas-surfactants għandhom jitqiesu lkoll fl-evalwazzjoni tal-effettività tal-leġiżlazzjoni eżistenti fil-ġestjoni tar-riskju kumplessiv. Il-Kummissjoni qed tindirizza din il-ħidma f'żewġ stadji: l-ewwel biex tistabbilixxi l-bażi ta' għarfien eżistenti u jiġu identifikati l-lakuni fih, u t-tieni, biex dawn il-lakuni jiġu indirizzati. L-ewwel stadju tlesta fl-2005 u t-tieni seħħ mill-2006 sal-2009.

---

1 ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1.

2 Id-deroga tirreferi għas-surfactant Dehypon G 2084 għall-użu fi tliet applikazzjonijiet industrijali (il-ħasil tal-fliexken, it-tindif fil-post, u t-tindif tal-uċuħ tal-metall)

2. L-ISTABBILIMENT TAL-BAŻI TAL-GĦARFIEN

2.1. L-istudju Fraunhofer

Fl-2000, il-Kummissjoni (DĠ Intrapriża u Industrija) taw kuntratt ta' studju lill-Istitut Fraunhofer (UMSICHT) biex jevalwa l-impatt ambjentali fl-UE li jirriżulta mill-bijodegradazzjoni parzjali tas-surfactants f'kundizzjonijiet anerobiċi. Ir-rapport tlesta fl-2003[3] u, fost affarijiet oħra, inkluda stħarriġ ta' statistika dwar il-produzzjoni u l-konsum tad-diterġenti fl-Ewropa kif ukoll ġabra ta' rakkomandazzjonijiet għall-metodi tat-testijiet u l-miżuri ekonomikament effettivi fuq il-bijodegradabilità tas-surfactants.

It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn is-surfactants ewlenin li jintużaw fid-deterġenti.

Tabella 1: Il-konsum u l-produzzjoni (tunnellati) ta' surfactants ewlenin tad-deterġenti fl-Ewropa tal-Punent għall-2007(statistika ta' CESIO, Jannar 2009)

Surfactant	*Produzzjoni fl-Ewropa tal-Punent*	*Bejgħ fl-Ewropa tal-Punent*
LAS	502 200	403 463
Alcohol sulphates	79 629	66 201
Alcohol ethersulphates	449 685	397 448
Alkane sulphonates	76 726	66 176
Alkylphenol ethoxylates	31 602	24 892
Fatty alcohol ethoxylates	1 000 617	615 695
Ethoxylates oħra	38 171	24 921
Esterquats	224 315	159 352
Betaines	76 134	67 557

Il-konkużjonijiet ewlenin tar-Rapport Fraunhofer kienu:

Is-surfactants għandhom ikunu assolutament u faċilment bijodegradabbli f'kundizzjonijiet erobiċi sabiex ma jkollhomx impatt ambjentali negattiv.

Il-bijodegradabilità ħażina ta' xi surfactants (eż. LAS) f'kundizzjonijiet anerobiċi tista' kultant twassal għal livell għoli ta' surfactant fil-ħama tad-drenaġġ, speċjalment wara t-trattament fl-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ li jużaw proċess anerobiku ta' stabbilizzazzjoni tal-ħama. Meta l-ħama li tkun ġiet trattata anerobikament tintuża bħala fertilizzant fl-agrikoltura, il-konċentrazzjoni tas-surfactant fil-ħamrija miżjuda bil-ħama tkun mistennija tonqos rapidament minħabba l-proċess ta' bijodegradazzjoni erobika li jseħħ fil-ħamrija.

Fir-rigward tas-sedimenti, ma ġietx osservata akkumulazzjoni ta' surfactants li l-proċess ta' bijodegradazzjoni erobika tagħhom tlesta, partikolarment għal LAS, anki fuq perjodu ta' bosta

[3] Ir-rapport huwa disponibbli fis-sit: http://ec.europa.eu/enterprise/chemicals/legislation/detergents/studies/anaerobic.htm

deċenni. Dan donnu jikkonferma li l-bijodegradazzjoni erobika (u mhux dik anerobika) għandha r-rwol ewlieni fl-eliminazzjoni tal-komposti organiċi.

2.2. L-opinjoni SCHER: "Evalwazzjoni tar-Riskju Ambjentali tas-Surfactants mhux Bijodegradabbli tad-Deterġenti f'Kundizzjonijiet Anerobiċi"

L-istudju Fraunhofer, flimkien mar-rapporti relatati (eż. tal-OECD fuq LAS[4]) tressqu fl-2004 lill-Kumitat Xjentifku tal-Kummissjoni fuq ir-Riskji għas-Saħħa u l-Ambjent (SCHER) għal opinjoni dwar il-kwalità xjentifka globali tar-rapport Fraunhofer u l-aspetti speċifiċi tal-bijodegrazzjoni anerobika bħal:

(a) In-natura u d-daqs tar-riskju lill-ambjent li bħalissa fihom is-surfactants tad-deterġenti li mhumiex bijodegradabbli suffiċjentement f'kundizzjonijiet anerobiċi, iżda li huma bijodegradabbli faċilment u assolutament fil-kundizzjonijiet erobiċi.

(b) L-impatt fuq ir-riskju lill-ambjent mis-surfactants tad-deterġenti li kieku r-rekwiżit eżistenti għall-bijodegradabilità faċli u assoluta tas-surfactants f'kundizzjonijiet erobiċi kellu jiġi estiż biex ikopri l-kundizzjonijiet anerobiċi wkoll.

Fl-opinjoni tiegħu ppubblikata f'Novembru 2005[5], SCHER sab li l-kwalità xjentifika globali tar-rapport Fraunhofer kienet pjuttost baxxa minħabba l-ammont żgħir u l-kwalità varjabbli tad-dejta, kif ukoll xi difetti fl-analiżi u fil-konklużjonijiet mnissla minnha fl-evalwazzjoni tal-effetti. Fir-rigward tad-daqs tar-riskju ambjentali tas-surfactants l-oħra, apparti LAS, ir-rapport Fraunhofer ma inkludiex biżżejjed informazzjoni biex jippermetti li ssir evalwazzjoni tar-riskju tagħhom għall-ambjent.

Madankollu, SCHER qabel mal-konklużjoni ewlenija ta' Fraunhofer li "*ir-rekwiżit tal-bijodegradabilità faċli u assoluta tas-surfactants f'kundizzjonijiet anerobiċi, waħdu ma jitqiesx bħala miżura effettiva għall-ħarsien ambjentali*".

Meta jitqiesu r-rapporti kollha disponibbli flimkien, SCHER lissen tħassib dwar:

(a) il-potenzjal għar-riskju minn LAS fil-ħama f'ċerti applikazzjonijiet tal-agħar kundizzjonijiet ambjentali (valuri PEC/PNEC ftit ogħla minn 1),

(b) il-livelli relattivament għolja mkejla (0.5-1 g/kg) ta' surfactants oħra fil-ħama tad-drenaġġ, inkluż xi surfactants li huma bijodegradabbli anerobikament, bħal: sapun, alcohol ethoxylates (AE) u alkyl phenol ethoxylates (APE). Minħabba li ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni, ir-riskju ma setax jiġi evalwat.

(c) il-fatt li test singolu mhuwiex biżżejjed biex jevalwa l-bijodegradabilità anerobika. Taħlita ta' bosta testijiet hija iktar adatta.

3. IL-MILI TAL-LAKUNI FL-GHARFIEN

3.1. Ir-rapporti HERA dwar LAS u AE mill-2007

B'reazzjoni għat-tħassib imlissen fl-opinjoni tal-2005 ta' SCHER, l-assoċjazzjoni Ewropea tal-industrija tas-surfactants (CESIO) iffinanzjat studji addizzjonali dwar it-tossiċità tal-

---

4 Ir-rapport huwa disponibbli fis-sit: http://www.chem.unep.ch/irptc/sids/oecdsids/LAS.pdf

5 L-opinjoni ta' SCHER tinsab disponibbli fis-sit: http://ec.europa.eu/health/ph_risk/committees/04_scher/docs/scher_o_021.pdf

ħamrija li twettqu mill-Istitut Daniż Nazzjonali tar-Riċerka Ambjentali (NERI). Ir-riżultati ta' dan ix-xogħol ġew inklużi f'rapport aġġornat tal-HERA (Human & Environmental Risk Assessment – Evalwazzjoni tar-Riskju lill-Bniedem u l-Ambjent) dwar LAS[6] li ġie ppubblikat fl-2007 u kkonkluda li: "*il-karatterizzazzjoni tar-riskju kif espressa mill-proporzjon bejn PEC u PNEC kienet inqas minn 1 għall-kompartimenti ambjentali kollha, filwaqt li jitqiesu l-valuri PNEC li ġew irrappurtati dan l-aħħar (~35 mg/kg versus 4.6 mg/kg fl-evalwazzjonijiet preċedenti)".* Għalhekk, ir-rapport HERA kkonkluda li ma hemmx effetti negattivi.

Fir-rigward ta' AE, sar rapport HERA f'Mejju 2007[7], li skontu: "*L-użu ta' AE fil-prodotti tal-ħasil tal-ħwejjeġ u l-prodotti għall-ħasil tad-dar ma għandux jikkawża problemi għall-ambjent (partikolarment l-ilma tal-wiċċ, is-sediment, il-faċilitajiet tat-trattament tad-drenaġġ u l-ħamrija)*".

Għandu jiġi nnutat ukoll li ż-żewġ rapporti HERA kkonkludew li l-użu ta' LAS u AE fil-prodotti tal-ħasil tal-ħwejjeġ u tal-ħasil tad-dar ma fihomx riskju għas-saħħa tal-konsumatur.

Fl-istess waqt ġew ippubblikati sejbiet xjentifiċi addizzjonali fuq LAS u l-bijodegradazzjoni anerobika minn bosta riċerkaturi bħal: Temnik u Klapwijk (2004)[8], Krogh *et al*., (2007)[9], Jensen *et al*., (2007)[10], Schowanek (2007)[11], u Berna *et al*. (2007)[12].

3.2. Opinjoni ġdida minn SCHER dwar il-bijodegradazzjoni anerobika tas-surfactants

F'Marzu 2008, il-Kummissjoni (DĠ Intrapriża u Industrija) talbet lil SCHER biex jevalwaw il-kwalità xjentifika globali tar-rapporti HERA riċenti dwar LAS u AE u jikkummentaw dwar il-konklużjonijiet tagħhom, partikolarment dawk li jikkonċernaw ir-riskji ambjentali.

Barra minn hekk, SCHER kien mistieden, fid-dawl tal-evidenza xjentifika kollha disponibbli, li jerġa' jikkonferma d-dikjarazzjonijiet ewlenin imsemmija fl-opinjoni tal-2005 dwar il-bijodegradazzjoni anerobika tas-surfactants u l-protezzjoni ambjentali, kif ukoll biex jirrevedi l-kwistjoni tal-metodoloġija tat-testijiet anerobiċi.

F'Novembru 2008, SCHER ippubblika l-opinjoni tiegħu dwar id-degradazzjoni anerobika tas-surfactants u l-bijodegradazzjoni tal-ingredjenti organiċi tad-deterġenti li mhux surfactants[13]. Il-punti ewlenin huma:

(a) *Alcohol ethoxylates:* SCHER ikkonkluda li l-proporzjonijiet ta' PEC u PNEC kienu baxxi biżżejjed (ilma tal-wiċċ: 0.041, sediment: 0.316, impjanti tat-trattament tad-drenaġġ:

---

6 Ir-rapport HERA huwa disponibbli fis-sit: http://www.heraproject.com/RiskAssessment.cfm?SUBID=4

7 Ir-rapport HERA huwa disponibbli fis-sit: http://www.heraproject.com/RiskAssessment.cfm?SUBID=34

8 Fate of linear alkylbenzene sulfonate (LAS) in activated sludge plants, H. Temmink, B. Klapwijk, Water Research 38 (2004) 903–912.

9 Risk assessment of linear alkylbenzene sulphonates, LAS, in agricultural soil revisited: Robust chronic toxicity tests for Folsomia candida (Collembola), Aporrectodea caliginosa (Oligochaeta) and Enchytraeus crypticus (Enchytraeidae), P.H. Krogh et al., Chemosphere 69 (2007) 872–87.

10 European risk assessment of LAS in agricultural soil revisited: Species sensitivity distribution and risk estimates, J. Jensen et al., Chemosphere 69 (2007) 880–892.

11 Probabilistic risk assessment for linear alkylbenzene sulfonate (LAS) in sewage sludge used on agricultural soil, D. Schowanek, Regulatory Toxicology and Pharmacology 49 (2007) 245–259.

12 Anaeobic biodegradation of surfactants-scientific review, J.L Berna et al., Tens.Surf.Deterg, (2007), 44, 313–347.

13 L-opinjoni ta' l-SCHER tinsab disponibbli fis-sit: http://ec.europa.eu/health/ph_risk/committees/04_scher/docs/scher_o_109.pdf

0.007 u ħamrija: 0.103) biex kull inċertezza li jibqa' (pereżempju, il-potenzjal tal-bijodegradazzjoni anerobika ta' omologi AE ma tqiesx), mhumiex mistennija jinvalidaw il-konklużjoni ewlenija ta' HERA li m'hemmx riskji ambjentali.

(b) *LAS:* SCHER ma qabilx mal-argument ta' HERA li l-funzjonijiet mikrobjali tal-ħamrija huma koperti mill-PNEC propost u qies li jinħtieġ issir evalwazzjoni xierqa tal-effettiv ta' LAS fuq l-attività mikrobjali għad-derivazzjoni ta' PNEC robust għall-ħamrija. Fir-rigward tad-dejta dwar it-tossiċità għall-effetti ta' LAS fuq il-pjanti, SCHER qies li l-informazzjoni pprovduta ma kinitx biżżejjed biex jiġi ġġustifikat il-valur propost ġdid għal PNEC ta' 35 mg/kg. Għalhekk, filwaqt li SCHER qabel mal-valuri proposti għal PNEC għall-organiżmi akkwatiċi u s-sedimenti, enfasizza li l-PNEC ġdid propost għall-ħamrija ($PNEC_{soil}$) ma kienx issostanzjat sewwa, u sakemm ma tingħatax ġustifikazzjoni addizzjonali, għandu jinżamm il-PNEC preċedenti għall-ħamrija ta' 4.6 mg/kg. SCHER innota li, għalkemm il-biċċa l-kbira tal-istudji juru li LAS mhuwiex bijodegradabbli faċilment fit-testijiet tal-laboratorju anerobiċi u fid-diġesturi anerobiċi tal-impjant tat-trattament tal-ħama tad-drenaġġ, id-dejta riċenti tal-monitoraġġ ambjentali (Lara-Martin *et al*., 2007) donnha turi degradazzjoni sinifikanti ta' LAS f'kundizzjonijiet anerobiċi fl-ambjent.

SCHER ikkonkluda li l-użu ta' AE u LAS fil-prodotti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ u tat-tindif ma fihx riskju għas-saħħa tal-bniedem.

Barra minn hekk, minħabba nuqqas ta' evidenza ġdida, SCHER ma bidilx il-konklużjonijiet tal-opinjoni tiegħu tal-2005 li: (a) bijodegradabilità ħażina f'kundizzjonijiet anerobiċi mhix mistennija tipproduċi modifika sostanzjali fir-riskju għall-ekosistemi tal-ilma ħelu billi t-tneħħija tas-surfactant f'WWTP jidher li huwa ddeterminat mill-bijodegradabilità erobika tagħha; (b) ir-rekwiżit għall-bijodegradabilità faċli u assoluta f'kundizzjonijiet anerobiċi, waħdu, ma jitqiesx bħala miżura effettiva għall-ħarsien ambjentali.

3.3. Reviżjoni tal-metodoloġija tal-ittestjar anerobiku

Fl-opinjoni tiegħu tal-2008, SCHER irreveda wkoll il-metodi tat-testijiet tal-iskrining u s-simulazzjoni li bħalissa huma disponibbli, biex tiġi ddeterminata l-bijodegradabilità anerobika tas-sustanzi organiċi. Il-bijodegradabilità potenzjali tal-komposti organiċi f'kundizzjonijiet anossiċi tista' tiġi evalwata f'test standardizzat tal-iskrining għall-bijodegradabilità anerobika (OECD 311). Madankollu, biex tiġi evalwata r-rata tal-bijodegradazzjoni fil-kompartimenti ambjentali anossiċi, għandhom jiġu applikati testijiet speċifiċi ta' simulazzjoni, bħal: TG 307 (trasformazzjoni fil-ħamrija) u TG 308 (trasformazzjoni f'sistemi ta' sediment akkwatiku). F'dawn l-aħħar snin, l-OECD irrevediet u adottat metodi ta' testijiet anerobiċi differenti biex timla l-lakuni fir-rigward tal-ittestjar tal-bijodegradabilità anerobika. Il-ħtieġa għall-metodi tal-iskrining għall-evalwazzjoni tal-bijodegradabilità anerobika fid-diġesturi anerobiċi u għad-determinazzjoni tal-inibizzjoni tal-produzzjoni tal-bijogass mill-kimiċi, li ma jdubux fl-ilma u/jew jiġu assorbiti (adsorbed) mill-ħama u s-sediment, ġiet koperta mill-metodi OECD 311 u OECD 224 adottati fl-2006 u l-2007, rispettivament.

TEGEWA, assoċjazzjoni kummerċjali tal-industrija kimika tal-Ġermanja, dan l-aħħar wettqet studju dwar l-adattabilità tal-metodu OECD 311 għall-istudju tal-bijodegradabilità tas-surfactants (Schwarz *et al*., 2008)[14]. Biex jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet osservati fil-

[14] Schwarz et al. (2008). Methodology of Anaerobic Biodegradability of Surfactants. *7thWorld Surfactants.* Kungress CESIO, Pariġi, Ġunju 2008.

metodoloġija tal-iskrining għall-evalwazzjoni tal-bijodegradabilità anerobika u r-riproduċibilità ħażina tagħha għall-ittestjar tas-surfactants, ġie propost approċċ modifikat għall-evalwazzjoni tal-bijodegradazzjoni anerobika minn Willing *et al*. fl-2008[15]. Id-differenzi ewlenin tiegħu meta mqabbel mal-metodu standard OECD 311 huma l-użu ta' ħama mhux dilwita bħala l-istrument tat-test u l-preżenza ta' sors addizzjonali tal-karbon li mhux surfactant. SCHER jinnota li l-ammont ta' dejta ġġenerata bl-użu tal-metodu modifikat huwa pjuttost limitat, u jemmen li għandu jsir aktar xogħol biex dan il-metodu tat-testijiet modifikat jiġi vvalidat.

Kollox ma' kollox, SCHER jemmen li l-metodi eżistenti tal-OECD għall-bijodegradazzjoni anerobika flimkien mat-test tas-simulazzjoni li bħalissa jinsab taħt reviżjoni jipprovdu metodoloġija adatta għall-evalwazzjoni tal-bijodegradabilità anerobika tal-komposti organiċi. Madankollu, minħabba l-kundizzjonijiet (metanoġeniċi) stretti li jintużaw fit-testijiet tal-laboratorji, l-effetti inibitorji ma jistgħux jiġu eskluži u għalhekk huwa aċċettat li riżultat fqir jista' ma jkunx prova definittiva ta' nuqqas ta' bijodegradabilità anerobika.

4. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI

Is-sejbiet tar-rapporti ta' Fraunhofer u HERA kif ukoll tal-evalwazzjonijiet tagħhom fl-opinjonijiet varji ta' SCHER ġew diskussi f'bosta laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Deterġenti responsabbli mill-implimentazzjoni tar-Regolament tad-Deterġenti (Frar u Novembru 2006, Novembru 2007, Lulju 2008 u Frar 2009). Dawk il-laqgħat attendew għalihom ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija bħal AISE (Association de la Savonnerie, de la Détergence et des Produits d'Entretien – Assoċjazzjoni tal-Industrija tas-Sapun, tad-Deterġenti u l-Prodotti tal-Ħasil), CESIO (Comité Européen des Agents de Surface et de leurs Intermédiares Organiques – Kumitat Ewroepw tal-Aġenti tal-Uċuħ u l-Intermedjarji Organiċi tagħhom) u l-partenarjat ta' riċerka tagħhom ERASM (European Risk Assessment and Management – Evalwazzjoni u Ġestjoni tar-Riskju Ewropew).

Fi Frar 2006, il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Deterġenti kkonkluda li ma jkunx proporzjonat jekk tittieħed azzjoni leġiżlattiva fuq il-bażi tal-opinjoni ta' SCHER tal-2005, jekk l-impatt ambjentali tal-bijodegradazzjoni anerobika għadha ma ġietx iċċarata għal kollox. Minflok, il-kwistjoni għandha tiġi eżaminata mill-ġdid fid-dawl ta' kull biċċa informazzjoni ġdida eqreb tad-data tar-rappurtar ta' April 2009. F'Novembru 2006, l-Industrija (CESIO/ERASM) kkomunikat lil WG l-isforzi kontinwi tagħhom biex itejbu l-għarfien attwali dwar l-evalwazzjoni tar-riskju ta' LAS fil-ħama u l-ħamrija anerobiċi bit-twettiq ta' studji ġodda dwar it-tossiċità tal-ħamrija, li r-riżultati tagħhom kellhom jiġu riflessi fir-rapporti aġġornati minn ERASM (2006) u HERA (2007).

Fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma ta' Novembru 2007, ERASM/CESIO ppreżentaw studji riċenti dwar il-bijodegradabilità tas-surfactants. Ingħatat informazzjoni ġdida ppubblikata fil-ġurnali internazzjonali dwar l-ekotossiċità tal-ħamrija u l-evalwazzjoni tar-riskju tal-ħama għal LAS, li affettwat sewwa l-evalwazzjoni tar-riskju. ERASM saħaq li billi l-$PNEC_{soil}$ għal LAS kien ġie rivedut minn 4.6 għal 35 mg/kg minħabba d-dejta l-ġdida dwar l-ekotossiċità, il-proporzjon il-ġdid bejn PEC/PNEC (mnaqqas b'fattur ta' 7) jindika riskju ambjentali ħafna iktar baxx għal LAS fil-ħama anerobika. ERASM enfasizza li, billi l-evalwazzjoni deterministika u probabilistika riveduta tar-riskju ma wrietx riskji għal LAS f'ebda livell

[15] Willing A. (2008) A new approach for the assessment of the anaerobic biodegradability of surfactants. *7th World Surfactant Kungress CESIO*, Pariġi, Ġunju 2008.

osservat tal-ħama, ebda tip ta' ħamrija u ebda xenarju tipiku ta' rimi, mhumiex meħtieġa valuri limitu regolatorji għal LAS fil-ħama.

ERASM ikkonkluda wkoll li:

– Skont ir-Rapporti tal-Evalwazzjoni tar-Riskju l-ġodda, il-protezzjoni ambjentali tkun garantita sakemm is-surfactants li huma faċilment bijodegradabbli, kif rikjest mir-Regolament (KE) Nru 648/2004, jiġu ttrattati f'kundizzjonijiet erobiċċi f'WWTP. L-industrija tad-deterġenti u s-surfactants taqbel mal-istqarrija ta' SCHER li "*ir-rekwiżit għall-bijodegradabilità faċli u assoluta tas-surfactants f'kundizzjonijiet anerobiċi, waħdu, ma jitqiesx bħala miżura effettiva għall-ħarsien ambjentali*."

– Ma ġiet irrappurtata ebda korrelazzjoni bejn (in-nuqqas ta') bijodegradabilità anerobika u l-problemi ambjentali. Hija l-bijodegradazzjoni erobika rapida li hi importanti biex ikun hemm garanzija ta' ebda riskju lill-ambjent.

F'Jannar 2009, CESIO/ERASM ikkomunikaw il-pożizzjoni tagħhom[16] fuq l-opinjoni ta' SCER tal-2008. ERASM enfasizza l-ħtieġa li titjieb il-kwalità tat-testijiet eżistenti għall-iskrining għall-bijodegradazzjoni anerobia biex ir-reproduċibilità tagħhom titjieb u l-inċidenza ta' riżultati negattivi foloz tonqos. ERASM ħabbar li l-proġett TEGEWA (iffinanzjat mill-assoċjazzjoni tal-industrija Ġermaniża tas-surfactants) qed jaħdem f'dik id-direzzjoni, bil-għan li l-kundizzjonijiet sperimentali tal-metodu tal-iskrining ECETOC/OECD 311 jiġu ottimizzati u r-riżultati jkunu disponibbli f'madwar sentejn.

ERASM ma jaqbilx mal-konklużjonijiet ta' SCHER dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni tar-riskju minn LAS għall-kompartimenti tal-ħamrija. ERASM għadu tal-fehma li l-valur PNEC ta' 35 mg/kg fir-rapport HERA huwa l-valur it-tajjeb għall-impatt ta' LAS fuq il-kompartiment ambjentali tal-ħamrija. Madankollu, ERASM jagħraf li l-kwistjoni li qajjem SCHER dwar jekk LAS fil-ħamrija taffettwax it-tnaqqis tal-ħadid fil-ħamrija għandha tiġi investigata iktar minn studji li jifirxu fuq perjodi itwal ta' żmien.

Fi Frar 2009, CESIO/ERASM infurmaw lill-Kummissjoni bl-inizjattiva tagħhom li jwettqu iktar riċerka sabiex:

- jiżviluppaw metodu aħjar għall-kejl tal-bijodegradabilità anerobika fil-kundizzjonijiet tad-diġestur tal-ħama, u

- jevalwaw id-degradazzjoni ta' LAS fis-sedimenti u jirrevedu kull evidenza xjentifika biex jistmaw b'mod preċiż il-valur PEC għal LAS.

L-industrija se tippreżenta r-riżultati tar-riċerka tagħhom fil-laqgħa li jmiss tal-WG dwar id-Deterġenti u, jekk ikun hemm bżonn, titlob opinjoni oħra minn SCHER iktar 'il quddiem.

---

16 http://circa.europa.eu/Members/irc/enterprise/wgdet/library?l=/meetings/meeting_february_1/working_documents&vm=detailed&sb=Title

5. SOMMARJU U KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni ħadet għadd ta' passi biex tistabbilixxi bażi ta' għarfien li jkun suffiċjenti għar-reviżjoni tal-bijodegradazzjoni anerobika tas-surfactants kif rikjest mill-Artikolu 16(2) tar-Regolament 648/2004.

Ir-riżultati ta' studju mwettaq fl-2003 dwar il-bijodegradazzjoni anerobika, mandat mill-Kummissjoni lil konsulent estern, flimkien mas-sejbiet tal-istudji dwar l-evalwazzjoni tar-riskju tas-surfactants ewlenin li twettqu mill-Industrija fl-2007 fuq bażi volontarja u r-riżultat tal-evalwazzjoni tagħhom minn SCHER, ġew diskussi mad-delegati mill-Istati Membri u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija f'għadd ta' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Deterġenti tal-Kummissjoni.

Wara evalwazzjoni sistematika tar-riskji mill-preżenza tas-surfactants mhux degradabbli f'kompartimenti anerobiċi varji, ġie konkluż li, meta mqabbel mal-effetti negattivi osservati fin-nuqqas tad-degradazzjoni erobika, in-nuqqas ta' degradazzjoni anerobika ma jidhirx li huwa korrelatat ma xi riskju apparenti għal dawn il-kompartimenti ambjentali. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-bijodegradabilità anerobika ma għandhiex tintuża bħala kriterju addizzjonali għall-konferma jew le tal-aċċettabilità ambjentali tas-surfactants bħal LAS li huma faċilment bijodegradabbli f'kundizzjonijiet erobiċi.

Fir-rigward tad-dejta prodotta dan l-aħħar dwar it-tossiċità terrestri ta' LAS li twassal għal $PNEC_{soil}$ ikbar (li jnaqqas il-proporzjon ta' PEC/PNEC u għalhekk inaqqas ir-riskju ambjentali previst mil-LAS fil-ħama u l-ħamrija anerobika), din għandha tiġi sostanzjata iktar kif rikjest minn SCHER fl-opinjoni tiegħu tal-2008.

It-tħassib li jifdal għalhekk jiffoka fuq il-possibilità li s-surfactants ikollhom tossiċità ambjentali u mhux fuq il-bijodegradabilità tagħhom. Bħalissa, madankollu, ma hemmx evidenza li tista' tiġġustifika l-miżuri leġiżattivi fil-livell tal-UE, bħall-valuri ta' limiti regolatorji għal-LAS fil-ħama.

Ir-rekwiżiti tal-informazzjoni tad-dossier tar-reġistrazzjoni tar-REACH se jassiguraw li d-dejta komprensiva dwar l-effetti fuq is-saħħa u l-ambjent tal-ingredjenti tad-deterġenti – inkluż surfactants bħal LAS – jiġu mgħoddija mill-industrija lill-Aġenzija Ewropea tal-Kimiċi (ECHA). Fil-fatt, għal sustanzi manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' 1 000 tunnellata jew iktar fis-sena, ir-reġistrazzjonijiet għandhom jingħataw sa Diċembru 2010 u r-rapporti dwar is-sikurezza kimika bħala parti mid-dossier tar-reġistrazzjoni jeħtieġ jippruvaw is-sikurezza tagħhom fiċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tagħhom. L-informazzjoni marbuta mar-reġistrazzjoni ta' REACH għandha għalhekk tkun biżżejjed biex ikun jista' jiġi deċiż jekk hemmx bżonn ta' restrizzjonijiet fuq ċerti surfactants fil-formolazzjonijiet tad-deterġenti minħabba raġunijiet ambjentali, minbarra dawk li huma diġà imposti mir-Regolament tad-Deterġenti. Jekk dan ikun il-każ, il-proċedura tar-restrizzjoni ta' REACH tkun l-aħjar strument biex jiġu imposti dawn ir-restrizzjonijiet.

6. LISTA TA' TAQSIRIET

AE: Alcohol ethoxylates

AISE: Association Internationale de la Savonnerie, de la détergence et des produits d'Entretien (Assoċjazzjoni internazzjonali tas-sapun, id-deterġenti u l-prodotti tal-ħasil)

APE:	Alkylphenol ethoxylates
CESIO:	Comité Européen des Agents de Surface et de leurs Intermédiares Organiques (Kumitat Ewropew tas-surfactants u l-intermedjarji organiċi tagħhom)
ECETOC:	European Chemical Industry Ecology and Toxicology Centre (Ċentru tal-industrija kimika Ewropea tal-ekoloġija u t-tossikoloġija)
ERASM:	European Risk Assessment and Management (Evalwazzjoni u ġestjoni tar-riskju Ewropew)
HERA:	Human & Environmental Risk Assessment on ingredients of European household cleaning products (Evalwazzjoni tar-riskju tal-ingredjenti tal-prodotti Ewropej għall-ħasil domestiku fuq il-bniedem u l-ambjent)
LAS:	Linear alkyl benzene sulphonates
NERI:	Istitut Daniż Nazzjonali tar-Riċerka Ambjentali
OECD:	Organisation for Economic Cooperation and Development (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku)
PEC:	Predicted Environmental Concentration (Konċentrazzjoni ambjentali prevista)
PNEC:	Predicted No Effect Concentration (Konċentrazzjoni prevista mingħajr effett)
REACH:	Registration Evaluation Authorisation of Chemicals (Reġistrazzjoni, Evalwazzjoni, Awtorizzazzjoni tal-Kimiċi)
SCHER:	Il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u l-Ambjent
TEGEWA:	TExtilhilfsmitteln, GErbstoffe und Waschrohstoffe (Awżiljarji tessili, prodotti tat-tannin u ingredjenti tad-deterġenti)
UMSICHT:	Institut für Umwelt-Sicherheit und Energietechnik (Istitut għas-sikurezza ambjentali u t-teknoloġija tal-enerġija)
WG:	Working Group (Grupp ta' Ħidma)
WWTP:	Wastewater Treatment Plant (Impjant tat-Trattament tad-Drenaġġ)